

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/1242****tat-18 ta' Lulju 2022****li temenda r-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 240(3) tiegħu,

Billi:

- (1) L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 12(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill <sup>(1)</sup> jipprevedi li l-atti tal-Kunsill dwar kwistjoni urġenti jistgħu jiġu adottati b'vot bil-miktub meta l-Kunsill jew il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri (Coreper) jiddeċiedi b'mod unanimu li juża dik il-proċedura.
- (2) Bil-ħsieb li tiġi żgurata l-kontinwità tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-Kunsill fiċ-ċirkostanzi eċċezzjonali kkawżati mill-pandemija tal-COVID-19 fejn il-laqgħat tal-Kunsill ma setgħux isiru regolarmet, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2020/430 <sup>(2)</sup> li introduċiet deroga temporanja li tiġġedded mill-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 12(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill fir-rigward ta' deċiżjonijiet biex tintuża l-proċedura ordinarja bil-miktub, fejn daww id-deċiżjonijiet jittieħdu mill-Coreper. Matul il-perjodu ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni (UE) 2020/430, deċiżjoni mill-Coreper biex tintuża l-proċedura ordinarja bil-miktub kellha tittieħed f'konformità mar-regola ta' votazzjoni applikabbli għall-adozzjoni tal-att tal-Kunsill ikkonċernat. Dik id-deroga għet estiża mill-Kunsill tnaħ-il darba, ġustifikata mill-kontinwazzjoni taċ-ċirkostanzi eċċezzjonali kkawżati mill-pandemija tal-COVID-19. L-estensjoni l-aktar reċenti, introdotta bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/321 <sup>(3)</sup>, skadiet fit-30 ta' Ġunju 2022.
- (3) Minkejja t-titjib tas-sitwazzjoni ġenerali fir-rigward tal-pandemija tal-COVID-19, l-użu li sar mid-deroga mill-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 12(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill matul l-aħħar sentejn, u l-avvenimenti internazzjonali reċenti li kienu jeħtieġu azzjoni urġenti, juru li huwa importanti li l-Kunsill ikun jista' jkompli juża tali għodda fil-futur.
- (4) Għalhekk, filwaqt li nibnu fuq l-esperjenza miksuba fl-iżgurar b'suċċess tal-kontinwità tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-Kunsill matul il-pandemija tal-COVID-19 b'mod effiċjenti, filwaqt li nqisu l-probabbiltà għolja li fil-futur iseħħu sitwazzjonijiet li jkunu jeħtieġu azzjoni urġenti, u b'mod konsistenti mar-rwol tal-Coreper fit-tħejjija tal-ħidma fil-Kunsill u fl-iżgurar tal-konsistenza tal-politiki u l-azzjonijiet tal-Unjoni, huwa xieraq li jiġi previst li d-deċiżjonijiet biex tintuża l-proċedura ordinarja bil-miktub, fejn daww id-deċiżjonijiet jittieħdu mill-Coreper, jenħtieġ li jittieħdu f'konformità mar-regola tal-votazzjoni applikabbli għall-adozzjoni tal-att tal-Kunsill ikkonċernat.
- (5) Il-proċedura ordinarja bil-miktub deċiża mill-Coreper jenħtieġ li tintuża biss f'ċirkostanzi li jeħtieġu azzjoni urġenti u jenħtieġ li din tkun preċeduta dejjem minn tħejjija bir-reqqa fil-Coreper, sabiex jiġu żgurati kemm jista' jkun possibbli, fost l-oħrajn, il-koordinazzjoni nazzjonali, it-trasparenza pubblika, u l-involvement tal-parlamenti nazzjonali f'konformità mal-prattiki tal-Istati Membri.
- (6) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill jiġu emendati, f'konformità mal-Artikolu 240(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

<sup>(1)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/937/UE tal-1 ta' Diċembru 2009 li tadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu (ĠU L 325, 11.12.2009, p. 35).

<sup>(2)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/430 tat-23 ta' Marzu 2020 dwar deroga temporanja mir-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill fid-dawl tad-diffikultajiet ta' vvaġġar ikkawżati mill-pandemija tal-COVID-19 fl-Unjoni (ĠU L 88I, 24.3.2020, p. 1).

<sup>(3)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/321 tal-24 ta' Frar 2022 li testendi aktar id-deroga temporanja mir-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill introdotta bid-Deċiżjoni (UE) 2020/430, fid-dawl tad-diffikultajiet ta' vvaġġar ikkawżati mill-pandemija tal-COVID-19 fl-Unjoni (ĠU L 55, 28.2.2022, p. 45).

- (7) F'konformità mal-Artikolu 106a tat-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, l-Artikolu 240 TFUE japplika għall-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Fl-Artikolu 12(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Atti tal-Kunsill dwar kwistjoni urġenti jistgħu jiġu adottati b'vot bil-miktub fejn il-Kunsill jiddeċiedi unanimament li juża dik il-proċedura jew fejn il-Coreper jiddeċiedi li juża dik il-proċedura f'konformità mar-regola tal-votazzjoni applikabbli għall-adozzjoni tal-atti tal-Kunsill ikkonċernati. F'ċirkostanzi speċjali, il-President jista' wkoll jipproponi l-użu ta' dik il-proċedura; f'każ bħal dan, jistgħu jintużaw voti bil-miktub fejn il-membri kollha tal-Kunsill jaqblu ma' dik il-proċedura.”.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Lulju 2022.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. BORRELL FONTELLES

---